MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1482/2004

**Aquatess Marketing Limited**

**Vs**

**Anthony Fenech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm300 (tlett mitt lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tat-8 ta’ Jannar 2004 u ta’ l-Ittra Legali tad-9 ta’ Frar 2004, u bl-imghax tat-8% (tmienja fil-mija) fuq Lm300 (tlett mitt lira Maltin) mit-8 ta’ Jannar 2004, sal-hlas effettiv, u nkluz Lm10 (ghaxar liri Maltin) konsult, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Dicembru 2004 meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistqosijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------